

Brussell, 5 ta' April 2022
(OR. en)

7916/22

JAI 450
FREMP 71
JAIEX 32
VISA 66
FRONT 150
COSI 90
COEST 270
FISC 92

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Marzu 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2022) 2028 final
Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI ta' 28.3.2022 dwar passi immedjati fil-kuntest tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna fir-rigward ta' skemi ta' ċittadinanza b'investiment u skemi ta' residenza b'investiment

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument C(2022) 2028 final.

Mehmuż: C(2022) 2028 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.3.2022
C(2022) 2028 final

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 28.3.2022

**dwar passi immedjati fil-kuntest tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna fir-rigward ta' skemi
ta' ċittadinanza b'investiment u skemi ta' residenza b'investiment**

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 28.3.2022

dwar passi immedjati fil-kuntest tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna fir-rigward ta' skemi ta' ċittadinanza b'investiment u skemi ta' residenza b'investiment

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

- (1) Fit-23 ta' Jannar 2019, il-Kummissjoni ħarġet rapport dwar skemi ta' ċittadinanza u residenza b'investiment li enfasizza r-riskji inerenti ta' tali skemi, fosthom tħassib dwar is-sigurtà, il-ħasil tal-flus, l-evaljazzjoni tat-taxxa u l-korruzzjoni¹. Tali riskji huma aggravati mid-drittijiet transfruntiera assoċjati ma' ċittadinanza tal-Unjoni jew ir-residenza fi Stat Membru.
- (2) Skemi ta' ċittadinanza b'investiment, li permezz tagħhom in-nazzjonalità tingħata bi skambju għal pagament jew investiment predeterminat u mingħajr rabta ġenwina mal-Istati Membri kkonċernati, għandhom implikazzjonijiet għall-Unjoni Ewropea kollha kemm hi, peress li kull persuna li għandha n-nazzjonalità ta' Stat Membru hija fl-istess ħin ċittadin tal-Unjoni. Deċiżjoni minn Stat Membru wieħed li jagħti ċ-ċittadinanza tiegħu bi skambju għal ħlas jew investiment tobligat awtomatikament lil Stati Membri oħra biex jagħtu drittijiet lill-investitur, b'mod partikolari drittijiet ta' moviment liberu, id-drittijiet ta' aċċess għas-suq intern biex jeżerċita attivitajiet ekonomiċi, jew id-dritt li jivvota u jidher bħala kandidat fl-elezzjonijiet lokali u tal-UE. Huma preċiżament il-benefiċċji ta' ċittadinanza tal-Unjoni li spiss jiġu rreklamati bħala l-karatteristiċi attraenti ewlenin ta' skemi bħal dawn. Fl-Unjoni, tliet Stati Membri joperaw jew operaw l-hekk imsejħa skemi ta' ċittadinanza b'investiment.
- (3) Skemi ta' residenza b'investiment, li permezz tagħhom permess ta' residenza jingħata bi skambju għal pagament jew investiment predeterminat, għandhom implikazzjonijiet għal Stati Membri oħra u għall-Unjoni Ewropea kollha kemm hi, peress li permess ta' residenza validu jagħti ċerti drittijiet lil nazzjonali ta' pajjiż terz, inkluż id-dritt li jivvjaġġaw liberament fiż-żona Schengen. Skont ir-rapport tal-Kummissjoni tal-2019, dsatax-il Stat Membru kienu qed iħaddmu tali skemi ta' residenza b'investiment.
- (4) Il-Kummissjoni tqis li l-iskemi ta' ċittadinanza b'investiment minn Stat Membru mhumiex kompatibbli mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mal-kunċett ta' ċittadinanza tal-UE kif previst fl-

¹ Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar

Skemi ta' Ċittadinanza u ta' Residenza b'Investiment fl-Unjoni Ewropea (COM(2019) 12 final).

Artikolu 20 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u jeħtieġ li jitħassru. B'riżultat ta' dan, fl-20 ta' Ottubru 2020 fetħet proċeduri ta' ksur kontra żewġ Stati Membri, u qed tinsisti ma' Stat Membru ieħor biex jipproċedi biex ittemm l-iskema tiegħu. Tnejn minn dawk l-Istati Membri sadanittant abolixxew l-iskemi ta-ċittadinanza tagħhom jew jinsabu fil-proċess li jagħmlu dan.

- (5) Il-Kummissjoni tqis li l-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu wkoll miżuri biex jipprevjenu skemi ta' residenza għall-investituri milli joperaw b'mod li jista' joħloq riskji, b'mod partikolari marbuta mas-sigurtà, il-ħasil tal-flus, l-evażjoni tat-taxxa u l-korruzzjoni. Għal dan il-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jittieħdu l-miżuri u s-salvagwardji kollha meħtieġa biex jindirizzaw dawn ir-riskji, anki billi jistabbilixxu u jwettqu kontrolli relatati mal-kundizzjonijiet ta' residenza u sigurtà qabel il-ħruġ ta' tali permessi ta' residenza, u billi jivverifikaw jekk ir-residenza hijiex kontinwa.
- (6) Il-limitazzjoni tar-riskji assoċjati mal-iskemi ta' ċittadinanza u ta' residenza b'investment operati minn pajjiżi terzi hija essenzjali. Fil-kuntest tal-monitoraġġ ta' sistemi ta' vjaġġar mingħajr viża u l-proċess ta' tkabbir, u fil-kunsiderazzjoni tal-interessi tal-UE, il-Kummissjoni qed tiskrutinizza mill-qrib l-iskemi ta' ċittadinanza b'investment ta' pajjiżi terzi li jistgħu jintużaw għaċ-ċirkomvenzjoni tal-proċedura tal-viża għal soġġorn qasir tal-UE. Fil-każ ta' riskju akbar għas-sigurtà interna tal-Istati Membri, l-eżenzjoni mir-rekwiżit ta' viża tkun temporanjament sospiża².
- (7) Minbarra l-ħtieġa li titħassar minnufih kwalunkwe skema eżistenti ta' ċittadinanza b'investment, u li l-iskemi ta' residenza b'investment jiġu operati b'mod prudenti, jenħtieġ li tiġi kkunsidrata azzjoni ulterjuri mill-Istati Membri fid-dawl tal-aggressjoni u l-invażjoni militari tal-Ukrajna mir-Russja u l-gravità tas-sitwazzjoni kurrenti. L-aggressjoni u l-invażjoni militari mhux provokati tal-Ukrajna mir-Russja ġew ikkundannati bl-aktar mod qawwi mill-maġġoranza l-kbira tal-Istati fin-Nazzjonijiet Uniti, kif espress f'riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti³. Fis-16 ta' Marzu, il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja ħarġet ordni li tindika li r-Russja għandha tissospendi immedjatement l-operazzjonijiet militari fit-territorju tal-Ukrajna⁴.
- (8) Il-Kunsill Ewropew, fil-konklużjonijiet tiegħu tal-24 ta' Frar 2022⁵, ikkundanna l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna bl-aktar mod iebes possibbli, filwaqt li ssottolinja l-ksur serju tad-dritt internazzjonali u l-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-Kunsill Ewropew talab li r-Russja tirrispetta bis-sħiħ l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment, li jinkludu d-dritt tal-Ukrajna li tagħżel id-destin tagħha. Il-Kunsill Ewropew afferma li l-gvern Russu għandu responsabbiltà sħiħa għall-att ta' aggressjoni tiegħu, li qed jikkawża tbatija umana u

² Is-sospensjoni tal-eżenzjoni mir-rekwiżit tal-viża mal-Vanuatu se tapplika mill-4 ta' Mejju 2022. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/366 tat-3 ta' Marzu 2022 dwar is-sospensjoni parzjali tal-applikazzjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Vanuatu dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perjodu qasir (ĠU L 69, 4.3.2022, p. 105).

³ Ir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, L-Aggressjoni kontra l-Ukrajna, A/ES-11/L.1 (it-2 ta' Marzu 2022).

⁴ <https://www.icj-cij.org/public/files/case-related/182/182-20220316-ORD-01-00-EN.pdf>

⁵ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna tal-24 ta' Frar 2022, EUCO 18/22.

telf ta' ħajja, u li se jinżamm responsabbli għall-azzjonijiet tiegħu. Il-Kunsill Ewropew ikkundanna bil-qawwa wkoll l-involvement tal-Belarussja f'din l-aggressjoni kontra l-Ukrajna u talabha toqgħod lura minn tali azzjoni u tirrispetta l-obbligi internazzjonali tagħha. Għalhekk, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta bosta pakketti ta' sanzjonijiet kontra r-Russja u l-Belarussja⁶.

- (9) Bi tweġiba għall-gwerra fl-Ukrajna, fis-26 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni Ewropea, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, ir-Renju Unit, il-Kanada, u l-Istati Uniti ħarġu Dikjarazzjoni Konġunta dwar aktar miżuri ekonomiċi restrittivi fir-rigward tal-invażjoni Russa fl-Ukrajna. F'din id-Dikjarazzjoni Konġunta, huma impenjaw ruħhom li jieħdu azzjoni biex jillimitaw il-bejgħ taċ-ċittadinanza – l-hekk imsejja passaporti tad-deheb – li jippermettu lir-Russi sinjuri b'rabtiet mal-gvern Russu jsiru ċittadini tagħhom u jiksbu aċċess għas-sistemi finanzjarji tagħhom⁷. Huma impenjaw ruħhom li jniedu task force transatlantika li tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tas-sanzjonijiet finanzjarji u li taħdem biex tidentifika u tfixkel iċ-ċaqliq ta' gwadann illegali. Il-Kummissjoni Ewropea waqfiet ukoll Task Force "Iffriżar u Qbid" biex tiżgura koordinazzjoni fil-livell tal-UE dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' sanzjonijiet kontra individwi elenkati, u li se tikkoordina mat-Task Force internazzjonali biex tiggarrantixxi l-effiċjenza tas-sanzjonijiet.
- (10) Fl-1 ta' Marzu 2022, il-Parlament Ewropew adotta risoluzzjoni dwar l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna⁸, li fiha talab lill-Istati bi skemi ta' residenza b'investiment biex jirrieżaminaw il-benefiċjarji kollha ta' tali status ta' residenza biex jirrevokaw dawk il-permessi attribwiti lil individwi Russi b'valur nett għoli u lill-familji tagħhom, b'mod partikolari dawk marbuta ma' individwi u kumpaniji sanzjonati.
- (11) Fir-rapport tiegħu bi proposti lill-Kummissjoni dwar skemi ta' ċittadinanza u residenza b'investiment, il-Parlament Ewropew laqa' l-impenn imħabbar mill-Istati Membri biex jieħdu miżuri biex jillimitaw il-bejgħ taċ-ċittadinanza lir-Russi konnessi mal-gvern Russu. Appella wkoll lill-Istati Membri kollha biex jieqfu joperaw l-iskemi tagħhom ta' ċittadinanza u residenza b'investiment għall-applikanti Russi kollha b'effett immedjat. Barra minn hekk, huwa ħeġġeġ lill-Istati Membri biex jivvalutaw mill-ġdid l-applikazzjonijiet min-nazzjonali Russi kollha li kienu approvati matul dawn l-aħħar ftit snin, billi jisfruttaw il-possibiltajiet kollha skont il-liġi nazzjonali u tal-Unjoni biex jiżguraw li "l-ebda individwu Russu b'rabtiet finanzjarji, kummerċjali jew oħrajn mar-reġim ta' Putin" ma jżomm id-drittijiet ta' ċittadinanza u residenza tiegħu jew tagħha jew li tali individwi jiġu imblukkati temporanjament milli jeżerċitaw dawk id-drittijiet.
- (12) Bi tweġiba għall-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja u għall-miżuri restrittivi adottati f'dan ir-rigward, Stat Membru ħabbar li, sa ma jinħareġ avviż ieħor, issospenda l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet minn applikanti Russi u Belarussi taħt l-iskema tagħha ta' ċittadinanza b'investiment. Xi Stati Membri ħabbru wkoll l-intenzjoni tagħhom li jissospendu l-ħruġ u t-tiġdid ta' permessi ta' residenza abbażi ta' skemi ta' residenza b'investiment lil nazzjonali Russi. Madankollu, fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, jenħtieġ li jittieħdu aktar miżuri mill-Istati Membri.

⁶ <https://www.consilium.europa.eu/mt/policies/sanctions/restrictive-measures-ukraine-crisis/>
<https://www.consilium.europa.eu/mt/policies/sanctions/restrictive-measures-against-belarus/>

⁷ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/statement_22_1423

⁸ https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2022-0052_MT.html

- (13) Skemi taċ-ċittadinanza b'investiment setgħu rriżultaw, jew jista' jkun li għadhom qed jirriżultaw, fl-akkwiżizzjoni ta' ċittadinanza tal-Unjoni minn nazzjonali Russi jew Belarussi li huma soġġetti għall-miżuri restrittivi tal-UE. Għaldaqstant, l-Istati Membri li taw iċ-ċittadinanza lil nazzjonali Russi jew Belarussi abbażi ta' skema ta' ċittadinanza b'investiment jenħtieġ li jivvalutaw jekk in-naturalizzazzjonijiet ta' dawn għandhomx ikunu rtirati għax huma soġġetti għall-miżuri restrittivi tal-UE, jew isiru soġġetti għal tali miżuri, b'rabta mal-imminar jew it-theddid tal-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ("il-miżuri restrittivi tal-UE") jew għax ikun determinat b'xi mod ieħor li huma jappoġġaw b'mod sinifikanti b'xi mod il-gwerra fl-Ukrajna jew attivitajiet relatati oħra tal-gvern Russu jew tar-reġim ta' Lukashenko bi ksur tad-dritt internazzjonali. Din il-valutazzjoni jenħtieġ li titwettaq ukoll mill-Istati Membri li sadanittant neħħew gradwalment l-iskema tagħhom ta' ċittadinanza b'investiment. Sabiex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni u tiġi żgurata valutazzjoni komprensiva, dan jenħtieġ li japplika wkoll f'każijiet fejn dawn l-individwi jkunu ġew naturalizzati bħala membri tal-familja ta' applikant ewlieni. Meta jwettqu din il-valutazzjoni, l-Istati Membri kkonċernati għandhom iqisu l-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea rigward it-telf taċ-ċittadinanza tal-Unjoni, b'mod partikolari l-prinċipju tal-proporzjonalità u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali⁹.
- (14) B'mod simili, l-iskemi ta' residenza b'investiment setgħu rriżultaw u jaf għadhom qed jirriżultaw f'aċċess privileġġat għat-territorju tal-UE u għas-suq intern ta' nazzjonali Russi jew Belarussi li huma soġġetti għall-miżuri restrittivi tal-UE, jew isiru soġġetti għalihom, jew minħabba li b'xi mod ieħor huwa determinat li huma jappoġġaw b'mod sinifikanti b'xi mod il-gwerra fl-Ukrajna jew attivitajiet relatati oħra tal-gvern Russu jew tar-reġim ta' Lukashenko bi ksur tad-dritt internazzjonali.
- (15) L-Istati Membri jenħtieġ li jirtiraw minnufih il-permessi ta' residenza mogħtija abbażi ta' skemi ta' residenza b'investiment lil nazzjonali Russi u Belarussi, u jirrifjutaw li jggedduhom, skont il-każ, jekk wara valutazzjoni jikkonkludu li huma, jew jsiru, soġġetti għall-miżuri restrittivi tal-UE, jew għax ikun determinat b'xi mod ieħor li huma jappoġġaw b'mod sinifikanti b'xi mod il-gwerra fl-Ukrajna jew attivitajiet relatati oħra tal-gvern Russu jew tar-reġim ta' Lukashenko bi ksur tad-dritt internazzjonali, u jekk dan ikun f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, mad-drittijiet fundamentali u mad-dritt nazzjonali tal-Istati Membri. Din il-valutazzjoni jenħtieġ li titwettaq ukoll mill-Istati Membri li sadanittant neħħew gradwalment l-iskema tagħhom ta' residenza b'investiment. Sabiex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni u tiġi żgurata valutazzjoni komprensiva, wara valutazzjoni u f'konformità mad-Direttiva dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familja¹⁰, dan jenħtieġ li japplika wkoll f'każijiet fejn dawn l-individwi jkunu ngħataw permess ta' residenza bħala membri tal-familja ta' detentur ta' permess ta' residenza abbażi ta' skema ta' residenza b'investiment.
- (16) Meta titqies id-diffikultà biex jitwettqu l-kontrolli ta' sigurtà xierqa u d-diliġenza dovuta f'dawn iċ-ċirkostanzi partikolari u fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, l-Istati Membri li joperaw skemi ta' residenza b'investiment jenħtieġ li jissospendu wkoll il-

⁹ Is-sentenzi tat-2 ta' Marzu 2010, *Rottmann*, C-135/08, EU:C:2010:104, u tat-12 ta' Marzu 2019, *Tjebbes et.*, C-221/17, EU:C:2019:189.

¹⁰ Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja (ĠU L 251, 3.10.2003, p. 12-18).

ħruġ ta' permessi ta' residenza abbażi ta' tali skemi lil nazzjonali Russi u Belarussi. Dan jenħtieġ li jsir f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, mad-drittijiet fundamentali, u mad-dritt nazzjonali tal-Istati Membri.

- (17) Il-Kummissjoni se żżomm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill infurmati dwar l-implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni, abbażi tar-rapporti tal-Istati Membri u kwalunkwe informazzjoni disponibbli, inklużi diskussjonijiet mal-Istati Membri kif xieraq.
- (18) Din ir-Rakkomandazzjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-ammissjoni u r-residenza ta' nazzjonali Russi u Belarussi fl-UE għal raġunijiet oħra, bħall-ammissjoni umanitarja jew il-protezzjoni internazzjonali.
- (19) Fid-9 ta' Marzu 2022, il-Parlament Ewropew adotta rapport bi proposti lill-Kummissjoni dwar skemi ta' ċittadinanza u residenza b'investment, li fih jappella biex gradwalment jitneħħew kompletament l-iskemi ta' ċittadinanza b'investment fl-Istati Membri kollha u biex jiġu rregolati b'mod strett l-aspetti differenti tal-iskemi ta' residenza b'investment.
- (20) Din ir-rakkomandazzjoni hija biss element wieħed tal-politika tal-Kummissjoni li tiegħu azzjoni determinata kemm dwar l-iskemi ta' ċittadinanza b'investment kif ukoll dwar l-iskemi ta' residenza b'investment. Għalhekk, jenħtieġ li titqies fil-kuntest ta' dan l-isforz akbar u hija mingħajr preġudizzju għal inizzjattivi fis-seħħ bħalissa u futuri tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward.

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

SKEMI TA' ĊITTADINANZA B'INVESTIMENT

1. Skemi ta' ċittadinanza b'investment li permezz tagħhom in-nazzjonalità ta' Stat Membru, u b'hekk iċ-ċittadinanza tal-Unjoni, tingħata bi skambju għal pagament jew investment predeterminat u mingħajr rabta ġenwina ma' Stat Membru mhumiex kompatibbli mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali minqux fl-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mal-kunċett ta' ċittadinanza tal-Unjoni kif previst fl-Artikolu 20 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Kwalunkwe Stat Membru li jopera tali skema ta' ċittadinanza b'investment jeħtieġ li jiżgura l-konformità mal-obbligi tiegħu skont dawn id-dispożizzjonijiet tat-Trattat billi jħassarha immedjatament.

SKEMI TA' RESIDENZA B'INVESTIMENT

2. L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu miżuri biex jipprevjenu l-iskemi ta' residenza b'investment milli joperaw b'mod li jista' joħloq riskji marbuta mas-sigurtà, il-ħasil tal-flus, l-evażjoni tat-taxxa u l-korruzzjoni. Għal dan il-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jittieħdu l-miżuri u s-salvagwardji kollha meħtieġa biex jindirizzaw ir-riskji msemmija hawn fuq, anki billi jistabbilixxu u jwettqu kontrolli relatati mal-kundizzjonijiet ta' residenza u sigurtà qabel il-ħruġ ta' tali permessi ta' residenza u billi jivverifikaw jekk ir-residenza hijiex kontinwa.

PASSI IMMEDIJATI LI GĦANDHOM JITTIEĦDU FIL-KUNTEST TAL- INVAŻJONI RUSSA TAL-UKRAJNA

3. Minkejja l-punt 1, kwalunkwe Stat Membru li nnaturalizza nazzjonali Russi jew Belarussi abbażi ta' skema ta' ċittadinanza b'investment jenħtieġ li jivvaluta immedjatament, f'konformità mal-prinċipji li jirriżultaw mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, inkluż il-prinċipju tal-proporzjonalità u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, jekk in-naturalizzazzjonijiet ta' dawn l-individwi għandhomx jiġu rtirati minħabba li:

- il-persuna kkonċernata hija soġġetta għall-miżuri restrittivi tal-UE, jew issir soġġetta għalihom
- jew minħabba li jiġi ddeterminat mod ieħor li l-persuna kkonċernata tappoġġa b'mod sinifikanti b'xi mod il-gwerra fl-Ukrajna jew attivitajiet relatati oħra tal-gvern Russu jew tar-reġim ta' Lukashenko bi ksur tad-dritt internazzjonali.

Dan jenħtieġ li japplika wkoll f'każijiet fejn dawn l-individwi jkunu ġew naturalizzati bħala membri tal-familja ta' applikant ewlieni.

4. L-Istati Membri jenħtieġ li jirtiraw minnufih il-permessi ta' residenza mogħtija abbażi ta' skemi ta' residenza b'investment lil nazzjonali Russi u Belarussi, u jirrifjutaw li jgedduhom, skont il-każ, jekk wara valutazzjoni:

- ikun stabbilit li l-persuna kkonċernata hija soġġetta għall-miżuri restrittivi tal-UE, jew issir soġġetta għalihom
- jew minħabba li jiġi ddeterminat mod ieħor li l-persuna kkonċernata tappoġġa b'mod sinifikanti b'xi mod il-gwerra fl-Ukrajna jew attivitajiet relatati oħra tal-gvern Russu jew tar-reġim ta' Lukashenko bi ksur tad-dritt internazzjonali,

dment li l-Istati Membri jikkonformaw mal-prinċipju tal-proporzjonalità, mad-drittijiet fundamentali u mad-dritt nazzjonali tagħhom. Wara valutazzjoni u f'konformità mad-Direttiva dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familja, dan jenħtieġ li japplika wkoll f'każijiet fejn dawn l-individwi jkunu ngħataw permess ta' residenza bħala membri tal-familja ta' detentur ta' permess ta' residenza abbażi ta' skema ta' residenza b'investment.

5. L-Istati Membri li joperaw skemi ta' residenza b'investment jenħtieġ li jissospendu l-ħruġ tal-permessi ta' residenza abbażi ta' skemi ta' residenza b'investment lil nazzjonali Russi u Belarussi, dment li l-Istati Membri jikkonformaw mal-prinċipju tal-proporzjonalità, mad-drittijiet fundamentali u mad-dritt nazzjonali tagħhom.

6. Sal-aħħar ta' Mejju, l-Istati Membri kkonċernati jenħtieġ li jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni, b'mod partikolari l-eżitu tal-valutazzjoni kif imsemmi fil-punti 3 u 4. Minn hemm' il quddiem, l-Istati Membri kkonċernati jenħtieġ li wkoll iżommu lill-Kummissjoni infurmata regolarment.

Magħmul fi Brussell, 28.3.2022

Għall-Kummissjoni
Ylva Johansson
Membru tal-Kummissjoni